**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 1 ta' Marzu, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**-vs-**
**Kurt Grima, detentur tal-Karta tal-Identita` Nru 138785(M).**

**Kumpilazzjoni Nru. 1236/2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Kurt Grima u ċioè:

> Nhar is-7 ta' Mejju, 2012, f'xi ħin bejn il-17:00hrs u t-20:00hrs ġewwa l-Fgura-

1. Ikkommetta serq minn ġewwa residenza 193, Houri, Triq il-Kampanella, Fgura, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' €2,329.37 u bil-lok, għad-detriment ta' Miriam Consiglio u/jew ta' xi persuna/i u/jew entità u/jew entitajiet oħra ; u

2. B'hekk ikkommetta delitt punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation għall-perjodu ta' tliet snin mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr Antonio Mizzi LL.D. nhar l-1 ta' Frar, 2011.

> Il-Qorti ġiet miltuba titratta ma' Kurt Grima bħala reċediv ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fl-udjenza tad-9 ta' Gunju, 2016, l-imputat rregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha *inter alia* il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f'Mejju, 2012, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-18 ta' Frar, 2016.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-ammissjoni tieghu li saret hekk kif inbeda l-istadju tad-difiza, il-fedina penali volomuniza tieghu kif ukoll tal-fatt li l-imputat ma gharrafx jirriforma ruhu fejn l-esperjenzi, anke karcerarji, ma swew xejn ghar-riabilitazzjoni tieghu. Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li din il-kondotta refrettarja tal-imputat hi direttament relattata mill-vizzju tad-droga fejn jidher li hu jikkometti reati sabiex ikompli jiffinanzja dan il-vizzju li gab ir-rovina ta' zghozitu. Lanqas ma jista' jigi skartat il-fatt li appena gie interrogat mill-Pulizija l-imputat kien ammetta l-involviment tieghu fil-kaz.[1]

Illi rigward it-tieni imputazzjoni, giet esebita is-sentenza moghtija nhar l-1 ta' Frar, 2011. Jirrizulta li l-imputat permezz ta' din is-sentenza, fuq ammissjoni tieghu stess, instab hati tar-reati addebitati u tpogga' taht *probation order* ghal zmien tlett snin. Kwindi huwa ben evidenti li l-imputat kiser tali ordni ghaliex l-akkuzi odjerni jirrisalu ghall-Mejju, 2012, u ghalhekk fit-terminu operattiv tas-sentenza. Ghalhekk it-tieni imputazzjoni fuq l-ammissjoni tieghu stess giet ippruvata. Din il-Qorti se titratta mal-imputat kif jipprovdi l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dawk il-proceduri l-imputat kien gie akkuzat talli b'diversi serqiet li sehhew bejn Lulju 2007 u Ottubru 2008.

---
[1] Fol.26-27

Ghalhekk din il-Qorti trid tinfliggi piena fuq l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet li taghhom kien instab hati u cioe' fuq l-akkuzi kollha ghajr ghall-akkuza numru 11. Fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief li timponi piena karcerarja. Bhala piena l-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni tieghu f'dawk il-proceduri.

**Dwar l-ewwel imputazzjoni u l-addebitu tar-recidiva**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269(g), 278(3), 279(a), 280(2), 281(b), 289 tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija.

**Dwar it-tieni imputazzjoni**

In oltre, a tenur tal-Artikoli 21 u u 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-imputat instab hati tat-tieni imputazzjoni, u cioe` li wettaq reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation tal-1 ta' Frar, 2011, maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm giet dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet.

Illi l-imputazzjonijiet numri 2, 4, 6, 8 u 10 jinkwadraw bhala reati li huma mezz ghall-fini ghar-reati ta' serq.

Wara li regghet rat l-artikoli 17, 18, 23, 31, 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271, 278(1)(2)(3), 279, 280(2),325 u 334A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah ghal perjodu ulterjuri ta' 3 snin prigunerija.

Inoltre` a tenur tal-artikolu 412D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata l-ghajnuna mehtiega biex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Finalment il-Qorti qed tirrikmanda lid-Direttur tal-Facilita Korettiva ta' Kordin sabiex Kurt Grima jinghata l-ghajnuna kollha minnufih inkluz li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**